

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ġunju 2009

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Maġħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru

(2009/511/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), b'konġunzjoni mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Nhar il-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat fisem il-Komunità, Ftehim mal-Emirati Għarab Maġħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru ⁽²⁾ f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat fisem il-Komunità fit-30 ta' Novembru 2007. suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/87/KE ⁽³⁾.

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Maġħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) li għandha/hom is-setgħa tagħmel/jagħmlu in-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmula fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. ŠEBESTA

⁽¹⁾ ĠU C 66E, 20.3.2009, p. 84.

⁽²⁾ ĠU L 28, 1.2.2008, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 28, 1.2.2008, p. 20.